# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Marzu 2022**

**Talba Nru: 207/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 5**

**Perit Daniel Grima (K.I. 239875(M))**

**Vs**

**Ronald Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' elf, wieħed u disgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,091.40) għar-raġunijiet aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju u ta' ittra legali, kif ukoll l-imgħax[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba[2];

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Dok A u Dok B a fol 2 u 3 rispettivament.

Ra lill-konvenut debitament notifikat[3], naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu li trid il-liġi u li jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2022[4];

Sema' x-xhieda tal-attur u tal-avukat Dr. Victor Bugeja[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li waqá fi stat ta' kontumaċjà.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[6].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala l-provi miġjuba mill-attur, mhux kontradetti, m'għandhomx jitwemmnu u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti preżentati minnu.

Illi madanakollu, iqis li ma jistax jakollji t-talba għal-ħlas t'imgħax mid-data tal-ittra legali. Huwa ben magħruf li jekk wieħed irid li jibda jiddekorri l-imgħax qabel il-ftuħ ta' proċeduri ġudizzjarji, għandu jara li jħejji u jinnotifika att ġudizzjarju għal dan il-

---

[3] *A tergo* ta' fol 12.
[4] A fol 13.
[5] It-tnejn mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2022.
[6] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

għan[7]. Dan dejjem sakemm l-obbligazzjoni ta' liema qiegħed jintalab il-ħlas ma titqiesx bħala waħda ta' natura kummerċjali[8] jew jekk xi liġi trid li l-imgħaxijiet jgħaddu *ipso jure*.

Illi mill-atti jirriżulta li l-attur mexa b'ittra legali biss qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri[9].

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-attur u għalhekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma ta' elf, wieħed u disgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,091.40) bl-imgħax legali mill-20 ta' Lulju 2021[10] iżda biss fuq l-ammont ta' disa' mija u tlieta u tletin Ewro (€933)[11] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittra legali[12], iżda mhux dawk tal-mandat ta' sekwestru imsemmi fl-Avviż tat-Talba[13], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

7 Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan is-sens ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Costantino Abela vs George Azzopardi,** (App Ċiv Nru: 380/1981/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005.

8 Artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll diversi dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

9 Per kompletezza, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ruth Spiteri vs Emanuel Vella ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Raymonda Limited",** (App Ċiv Nru: 798/2000/1 mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-5 ta' Marzu 2003.

10 Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

11 Dan qiegħed jiġi deċiża hekk għaliex kif jirriżulta minn Dok B, a fol 3, anness mal-Avviż tat-Talba, l-ammont mitlub għandu minnu element ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema ammont ma jattirax imgħax peress li huwa ta'natura fiskali.

12 L-ammont dovut, ta' għoxrin Ewro (€20) ġie kkonfermat mix-xhieda ta' Dr. Victor Buġeja LL.D, u t-Tribunal iqis li dan l-ammont huwa wieħed raġonevoli. L-ittra legali hija wkoll eżebita.

13 Dan il-mandat qatt ma ġie formalment eżebit.